21 ta' April, 1949

Imħallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Gio Maria Curmi et. *versus* Richard Seguna

**Kolliżjoni — Danni — Art. 1068 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-liġi tagħti lill-Qorti l-fakoltà li tassenja lill-persuna danneġġjata somma ta' mhux aktar minn £1800 bħala kumpens għat-telf ta' qliegħ li dik il-persuna tista' ssofri 'l-quddiem minħabba li tkun ġiet inkapaċitata permanentement biex tagħmel xogħol li jirrendilha dak il-qliegħ.*

*Fil-każ preżenti, il-persuna danneġġjata kienet ġiet permanentement inkapaċitata milli tagħmel xogħol ta' qliegħ bħala konsegwenza ta' feriti riportati f'kolliżjoni, u l-Qorti rriteniet li ma kienx hemm lok għall-assenjazzjoni ta' dak il-kumpens, fl-ebda kwantitatiw, billi żammet illi dik il-persuna ma kienetx probabilment tagħmel dak il-qliegħ anki kieku ma ġratilhiex id-disgrazzja.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew illi fil-25 ta' Mejju 1946, jew data verjuri, in ċirka fil-ħdax ta' filgħodu, waqt li kien qiegħed isuq motor car numru 5987 fi Triq Santa Katerina, Żejtun, b'imprudenza, traskuraġni, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, il-konvenut laqat u tefa' ma' l-art lill-attriċi Teresa Curmi u kkaġunalha offiża ta' natura gravi, u eventwalment permanenti debilitazzjoni; u illi bħala konsegwenza huma (l-atturi) sofrew danni, konsistenti, oltre fil-permanenti debilitazzjoni ta' l-attriċi, fl-ispejjeż tal-manutenzjoni ta' l-istess attriċi fl-isptar, għall-kura medika, għal dieta neċessarja, għal nuqqas ta' qliegħ, oltre danni oħrajn li kellhom jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; talbu, previja n-nomina ta' perit, jekk neċessarja, illi l-konvenut jiġi dikjarat responsabili ta' l-inċident jew kolliżjoni illi kkaġunaw lill-attriċi l-offiża personali gravi li sofriet u responsabili tad-danni illi l-atturi sofrew bħala konsegwenza; u, previja l-likwidazzjoni minn dina l-Qorti tad-danni li sofrew l-atturi bħala konsegwenza ta' l-istess inċident jew kolliżjoni, konsistenti fil-permanenti debilitazzjoni ta' l-attriċi Teresa Curmi, fl-ispejjeż tal-manutenzjoni tagħha fl-isptar, ta' kura medika, ta' dieta, ta' nuqqas ta' qliegħ, u fi kwalunkwe danni oħrajn illi jirriżultaw fit-trattaz-

zjoni tal-kawża, li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lilhom is-somma illi għal dana l-effett tiġi hekk likwidata;

*Omissis;*

Mill-provi jirriżulta li fit-28 ta' Mejju 1946, għal xi l-ħdax u nofs ta' filgħodu, l-attriċi Teresa Curmi, flimkien ma' oħtha Maria Busuttil, kienet qiegħda taqsam it-Triq Santa Katerina, iż-Żejtun, u kienu waslu biex jaqsmuha għal kollox, meta l-konvenut, li kien nieżel isuq il-car tiegħu "Hillman Saloon" numru 5987, minn niżla tat-triq imsemmija, ħabat ma' l-attriċi u ma' oħtha u tefagħhom it-tnejn fl-art. L-attriċi Teresa Curmi rriportat offiża gravi li ġiebitilha paralisi ta' idejha u dirgħajha tali li ma tista' tagħmel l-ebda xogħol, lanqas domestiku; għaliex il-funzjonalità ta' idejha t-tnejn hija markatament leża, jiġifieri mnaqqsa permanentement;

Jirriżulta mill-perizja li ma kien hemm l-ebda negliġenza jew diżattenzjoni min-naħa ta' l-attriċi............;

Għall-kuntrarju, tirriżulta pruvata diżattenzjoni u nuqqas ta' prudenza kbira da parti tal-konvenut............;

In rigward għad-danni li l-konvenut għandu jagħmel tajjeb għalihom, dawn jikkonsistu skond il-liġi tagħna:— Fit-telf effettiv li batew l-atturi; fl-ispejjeż li dawn għamlu; fit-telf tal-paga jew qliegħ ieħor attwali; fit-telf ta' qliegħ li l-attriċi Teresa Curmi tbati 'l-quddiem minħabba xi inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li setgħet ġiet kaġunata lilha (art. 1088 Kodiċi Ċivili);

Bħala effett ta' l-investiment l-attriċi tilfet biċċa mislu-ta, u biex issewwiha nefqet 8s.;

L-attur ħallas £16. 10. 0 għall-manteniment ta' l-attriċi martu fl-Isptar ta' Bugeja, u 16s. 4d. għal spejjeż ta' ambulanza ......... Ħallas ukoll 13s. spejjeż ta' motor car biex l-attriċi rritornat f'darha mill-isptar, u 15s. biex terġa' tmur l-isptar ħalli tiġi rieżaminata minn Dr. Federico Borg u mbagħad tirritorna f'darha. Għamel ukoll xi spejjeż ta' traġitti għalih u għal bintu, sabiex imorru jaraw lill-attriċi meta kienet l-isptar u tilef xi xogħol........... li jammontaw għas-somma ta' £2. 10. 0 komplessivament........... Fl-aħħarnett l-attur ħallas ukoll £1. 15. 0 onorarju tat-tabib u........... u £1 onorarju ta' Dr. Federico Borg........... Għalhekk għat-telf

effettiv u għall-ispejjeż li ssemmew l-attur b'kollox żborża s-somma ta' £23. 19. 4;

Kif sewwa rrileva l-perit, l-attur kellu jaħseb biex jipprovdi l-opra ta' xi mara biex isservi lilu matul iż-żmien li martu damet l-isptar, u mbagħad, wara li martu rritornat mill-isptar, biex tieħu wkoll ħsieb tagħha...........;

L-atturi għandhom tifla li jisimha Caterina, li allura kienet impjegata bħala serva. Dina, immedjatament kif ommha korriet, telqet l-impjeg u marret fid-dar ta' missierha biex teħodlu ħsieb ta' daru sakemm l-omm baqgħet l-isptar; u mbagħad baqgħet id-dar anki wara li l-omm ħarġet mill-isptar u rritornat f'darha, peress li kien hemm bżonn ta' xi ħadd biex ikompli jieħu kura tad-dar, u anki ta' l-attriċi........... Però huwa fatt illi kieku l-imsemmija Caterina Curmi ma telqetx l-impjeg, l-attur kien isib ruħu fil-bżonn li jimpjega lil xi ħadd ieħor biex jeħodlu ħsieb ta' daru, u għalhekk hija ħaġa ġusta li jiġu lilu rifużi l-flus li ta lill-imsemmija bintu biex b'xi mod jirrikompensaha mit-telf ta' qliegħ li kienet qiegħda tagħmel, dejjem però jekk dina s-somma ta' flus tkun moderata u korrispondenti għall-ispiża li kien jagħmel kieku mpjega mara oħra. Dina l-ispiża l-attur ikollu jibqa' jagħmilha anki 'l-quddiem, għaliex fl-opinjoni ta' Dr. Federico Borg l-attriċi tibqa' inkapaċi li tintrapprendi xogħlijiet, lanqas ma tkun kapaċi taqdi l-faċċendi domestiċi, u lanqas tkun tista' tħit, u lanqas ma tkun tista' tilbes ħwejjiġha. Dina l-Qorti taqbel mal-perit fejn issottometta illi kieku l-attur kellu jimpjega mara......... huwa kien ikollu ċertament jagħmel spiża ta' almenu £4 fix-xahar.............. Dina l-ispiża għandha tibqa' ssir sal-ħajja probabili ta' l-attriċi, u l-Qorti taqbel mal-perit li ffissa din il-ħajja probabili sa l-età ta' 65 sena...........; u għalhekk dina l-ispiża tilħaq għas-somma ta' £272 komplessivament;

L-ebda somma ta' flus, fil-fehma tal-Qorti, ma għandha tiġi assenjata lill-attriċi għat-telf ta' qliegħ għal quddiem minħabba l-imsemmija inkapaċità illi l-att tal-konvenut ikkaġunalha. Il-liġi tagħti lill-Qorti l-fakoltà li tassenja somma ta' mhux iżjed minn £1200 lil min ibati inkapaċità simili, mhux dolożament kaġunata (1088 (2)). Dina s-somma, kif ingħad, hija mogħtija bħala kumpens għat-telf ta' qliegħ ("loss of

future earnings"). Issa jirriżulta illi l-attriċi ma kienetx taħdem, jiġifieri ma kienetx tagħmel gwadanji fis-sens intiż mill-liġi fl-imsemmija dispożizzjoni (1088), u lanqas ma kien probabili, biex ma jingħadx impossibili, li kienet taħdem 'il quddiem kieku ma ġratilhiex id-disgrazzja; għaliex kif hija stess xehdet, ma taf tagħmel ebda xogħol ieħor ħlief faċċendi tad-dar; lanqas ma taf tħit; u għalhekk l-uniku xogħol li kienet tkun tista' tagħmel, bħala regola, kien jista' jkun dak ta' serva, ta' ħassiela, ta' mara li taħdem bil-ġurnata. Meta ġratilha d-disgrazzja kellha 59 sena, u l-lum għandha 62 sena; u ta' din l-età, bħala regola, mara ma tantx tkun tajba biex tagħmel xogħlijiet bħal dawk li ssemmew. Ta' din l-età suppost li wieħed jirpoża bħala xiħ; u difatti l-lum hija mogħtija mill-Gvern pensjoni lil min ikun ta' din l-età, appuntu għaliex jikkunsidrah xiħ;

Il-perit, li ssottometta illi għandha tiġi assenjata lill-attriċi s-somma ta' £290 għat-telf ta' qliegħ, u biex jagħti eżempju tal-veduti gravi li jieħdu t-tribunali ta' barra f'każi serji ta' debilitazzjoni permanenti, eżibixxa kopja ta' ġurnal fejn hemm riportat każ, pjù o meno bħal dan in eżami, u fejn jingħad li l-Qorti ta' Birmingham assenjat is-somma ta' £13,350. Ċertament, kieku kien il-każ li jista' jiġi akkordat lill-attriċi kumpens għal din ix-xorta ta' danni, kieku, fi kliem ieħor, ippruvat li sofriet dawn id-danni, din il-Qorti ma kienetx tonqos li tassenja lill-attriċi somma proporzjonata għall-gravità ta' l-offiża; imma, kif ġà ngħad, lanqas ma tirriżulta l-possibilità li l-attriċi ssofri dina x-xorta ta' danni. Inoltri, kif jirriżulta mill-istess notizja fil-ġurnal eżibit mill-attur, il-Qorti li ssemmet iffissat dik is-somma għaliex ħadet in konsiderazzjoni l-ispejjeż li r-raġel tal-mara li sofriet il-leżjoni kien ikollu jagħmel minħabba dik il-leżjoni biex jipprovdi tobba u nurses u "masseurs". Fil-każ preżenti diġà ntqal illi għandha tiġi assenjata s-somma ta' £272 għall-ispejjeż li bilfors iridu jsiru 'l-quddiem, sal-ħajja probabili ta' l-attriċi, għall-ajjut li jkollha bżonn minħabba l-inkapaċità li l-leżjoni ġiebitilha, u bħala kumpens għall-ispiża meħtieġa biex jiġi ottenut minn għand mara oħra x-xogħol domestiku illi kienet tagħmel l-attriċi kieku ma kienetx hekk inkapaċi;

Għaldaqstant, konformement għal dak li fuq ġie espost,

id-danni li l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi Teresa Curmi jammontaw..............;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi għat-tenur tat-talbiet ta' l-atturi, u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi Teresa Curmi s-somma ta' £295. 19. 4 — valur likwidat rispettivament favur l-istess Teresa Curmi u Gio Maria Curmi għad-danni li sofrew minħabba l-att tal-konvenut imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni;

L-ispejjeż jitħallsu minn għand il-konvenut.